

Il-Ħamis 13 ta' Ġunju 2013

48. Jitlob lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lis-SEAE jadottaw Strateġija ta' Libertà tal-Istampa u tal-Midja fil-qafas tal-politika barranija tal-UE, kemm jista' jkun malajr, u jinkorporaw ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport preżenti fil-Linji Gwida li ġejjin dwar il-Libertà tal-Espressjoni (onlajn kif ukoll offlajn);

49. Jitlob li r-rapport preżenti jinqara u jiġi adottat f'allinjament mill-qrib mar-risoluzzjoni tiegħu 'Strateġija dwar Libertà Diġitali fil-Politika Barranija tal-UE';

o

o o

50. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-UNESCO, lill-Kunsill tal-Ewropa, u lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa.

P7_TA(2013)0276

Servizzi finanzjarji: Nuqqas ta' progress fid-dewmien tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-adozzjoni ta' ċerti proposti

Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2013 dwar is-servizzi finanzjarji: nuqqas ta' progress fid-dewmien tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tal-adozzjoni ta' ċerti proposti (2013/2658(RSP))

(2016/C 065/14)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-12 ta' Lulju 2010 għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti (riformulazzjoni) (COM(2010)0368),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-12 ta' Lulju 2010 għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi ta' kumpens għall-investitur (COM(2010)0371),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tad-19 ta' Jannar 2011 għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2003/71/KE u 2009/138/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (COM(2011)0008), minn hawn 'il quddiem imsemmija "Omnibus II/Solvenza II".
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ottubru 2011 għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li tirrevoka d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Tfassil mill-ġdid) (COM(2011)0656) u l-proposta tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ottubru 2011 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament [EMIR] dwar id-derivati OTC, il-kontropartijiet ċentrali u r-repożitorji tan-negozju (COM(2011)0652), minn hawn 'il quddiem imsemmija bħala "rieżami tal-MiFID",
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ottubru 2011 għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq (COM(2011)0654) u l-proposta tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ottubru 2011 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq (l-abbuż tas-suq) (COM(2011)0651), minn hawn 'il quddiem imsemmija bħala "MAD/MAR",

Il-Ħamis 13 ta' Ġunju 2013

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-7 ta' Marzu 2012 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar titjib fis-saldu ta' titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDs) u li jemenda d-Direttiva 98/26/KE (COM(2012)0073),
 - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ġunju 2012 għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 77/91/KEE u 82/891/KEE, id-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE u 2011/35/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (COM(2012)0280),
 - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-3 ta' Lulju 2012 għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/65/KE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) fir-rigward tal-funzjonijiet tad-depożitarji, il-politiki tar-remunerazzjoni u s-sanzjonijiet (COM(2012)0350), minn hawn 'il quddiem imsemmija bħala "UCITS V",
 - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-3 ta' Lulju 2012 għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni (riformulazzjoni) (COM(2012)0360), minn hawn 'il quddiem imsemmija bħala "IMD II",
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-31 ta' Marzu 2010 dwar il-Programm tax-Xogħol tal-Kummissjoni 2010 (COM(2010)0135), u partikolarment għar-referenza tal-adozzjoni ppjanata fl-2010 ta' proposta leġiżlattiva għal direttiva dwar iċ-ċertezza ġuridika fil-liġi dwar it-titoli,
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-27 ta' Ottubru 2010 dwar il-Programm tax-Xogħol tal-Kummissjoni 2011 (COM(2010)0623), u partikolarment għar-referenza tal-adozzjoni ppjanata fl-2010 ta' proposta leġiżlattiva għal direttiva dwar iċ-ċertezza ġuridika fil-liġi dwar it-titoli,
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2011 dwar il-Programm tax-Xogħol tal-Kummissjoni 2012 (COM(2011)0777), u partikolarment għar-referenza tal-adozzjoni ppjanata fl-2012 ta' proposta leġiżlattiva għal direttiva dwar il-liġi tat-titoli u għal proposta leġiżlattiva għal revizzjoni tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu fl-1 u t-2 ta' Marzu 2012 u partikolarment ir-referenza għar-rieżami tal-MiFID,
 - wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-fondi tas-suq tal-flus ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 2012 dwar l-Ibbankjar Parallel ⁽³⁾,
 - Wara li kkunsidra l-mistoqsijiet lill-Kunsill u l-Kummissjoni dwar is-servizzi finanzjarji: nuqqas ta' progress fid-dewmien tal-Kunsill u l-Kummissjoni fl-adozzjoni ta' ċerti proposti (O-000063/2013 – B7-0208/2013 and O-000065/2013 – B7-0209/2013),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-irkupru tal-ekonomija tal-UE jeħtieġ settur finanzjarju stabbli li jipprovi finanzjament kompetittiv għall-ekonomija reali; billi biex jinkiseb dan, jeħtieġ li l-Unjoni Bankarja tiġi mwettqa għalkollox kif ġie miftiehem u li terġa' tiġi affermata mill-istituzzjonijiet differenti tal-UE li huma responsabbiltà għal dan is-settur ewlieni tal-ekonomija tagħna;
- B. billi l-proposta għal rieżami tad-direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti (DGS) ġiet adottata mill-Kummissjoni fit-12 ta' Lulju 2010, u l-Parlament, wara negozjati mingħajr frott mal-Kunsill, ivvotata fl-ewwel qari fis-16 ta' Frar 2012 ⁽⁴⁾;
- C. billi l-proposta għal rieżami tad-Direttiva ta' Skemi ta' Kumpens għall-Investitur (ICSD) ġiet adottata mill-Kummissjoni fit-12 ta' Lulju 2010, u l-Parlament, fid-dawl tal-fatt li l-Kunsill sabha bi tqila jadotta approċċ ġenerali u jidħol f'negozjati, ivvotata fl-ewwel qari fil-5 ta' Lulju 2011 ⁽⁵⁾;

⁽¹⁾ ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 146, 25.5.2013, p. 1.

⁽³⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0427.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0049.

⁽⁵⁾ ĠU C 33 E, 5.2.2013, p. 328.

Il-Ħamis 13 ta' Ġunju 2013

- D. billi l-Kummissjoni, fl-20 ta' Ottubru 2011, adottat il-proposti tagħha dwar ir-rieżami tal-MiFID u l-Parlament ittrattahom b'mod rapidu u adotta l-emendi ta' dawn il-proposti fis-26 ta' Ottubru 2012 ⁽¹⁾, sena biss wara li tressqu; sa minn dak iż-żmien il-Parlament ilu jistenna li jibda n-negozjati mal-Kunsill fil-prospettiva ta' ftehim possibbli fl-ewwel qari;
- E. billi l-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa tiegħu tal-1 u t-2 ta' Marzu 2012, ikkonkluda li l-koleġiżlaturi għandhom jiftiehm u dwar il-proposti ta' rieżami tal-MiFID sa Diċembru 2012;
- F. billi fis-7 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha dwar Depożitarji Ċentrali tat-Titoli (CSDR) u l-Kumitat għall-Affarijiet Eknomiċi u Monetari tal-Parlament adotta r-rapport tiegħu fl-4 ta' Frar 2013 (A7-0039/2013), u sa minn dak iż-żmien ilu jistenna li jibda n-negozjati mal-Kunsill fil-prospettiva ta' ftehim possibbli fl-ewwel qari;
- G. billi oriġinarjament il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva dwar iċ-ċertezza ġuridika fil-liġi dwar it-titoli kienet mistennija li tiġi adottata matul l-2010, u mbagħad ġiet inkluża fil-Programmi Leġiżlattivi u tax-Xogħol tal-Kummissjoni għall-2011 u l-2012, iżda għadha ma ġietx adottata;
- H. billi d-Direttiva 2007/64/KE dwar is-servizzi tal-ħlas fis-suq intern tirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni u l-impatt ta' dik id-Direttiva mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru 2012 li jkun akkumpanjat, fejn hu xieraq, minn proposta għar-reviżjoni tagħha; billi l-Kummissjoni għadha ma ressqitx tali rapport u reviżjoni;
- I. billi l-Parlament, fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar is-Sistema Bankarja Parallela, talab li jiġu implimentati miżuri addizzjonali rigward il-fondi tas-suq monetarju, partikolarment sabiex tittiejeb ir-reżiljenza ta' dawn il-fondi u jkun kopert ir-riskju ta' likwidità, u billi r-rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) biex jintemmu l-fondi kostanti tas-suq monetarju ta' valur ta' assi netti, ippublikata ftit wara din ir-riżoluzzjoni, għadha tiġi kkunsidrata f'dawk il-miżuri;
- J. billi l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2011/89/KE ⁽²⁾ irrikjeda lill-Kummissjoni tagħmel rieżami sħiħ tad-Direttiva 2002/87/KE (Direttiva dwar il-Konglomerati Finanzjarji) ⁽³⁾, filwaqt li tindirizza b'mod partikolari l-ambitu ta' dik id-Direttiva, l-estensjoni tal-applikazzjoni tagħha għal entitajiet mhux regolati, il-kriterji ta' identifikazzjoni ta' konglomerati finanzjarji li huma fil-pussess ta' gruppi mhux finanzjarji aktar wiesgħa, konglomerati finanzjarji sistemikament rilevanti u ttestjar mandatorju tal-istress, u li tibgħat ir-rapport tagħha lill-Parlament u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2012, biex jiġi segwit minn proposti leġiżlattivi xierqa;
- K. billi fl-20 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni, wara dan ir-rieżami, ressqet ir-rapport tagħha fejn ikkonkludiet li għalkemm il-kriterji għad-definizzjoni u l-identifikazzjoni ta' konglomerat, l-identifikazzjoni ta' entità oriġinali finalment responsabbli għall-issodifar tar-rekwiżiti tal-grupp kollu, u t-tisħiħ tal-infurzar fir-rigward ta' dik l-entità huma l-kwistjonijiet l-aktar relevanti li jstgħu jiġu indirizzati f'reviżjoni futura tad-direttiva dwar il-konglomerati finanzjarji, hija ddeċidiet li ma tippoponix proposta leġiżlattiva f'dan is-sens fl-2013;
- L. billi l-Kummissjoni impenjat ruħha li żżomm is-sitwazzjoni taħt rieżami kostanti sabiex tiddetermina mument xieraq għall-adozzjoni tal-proposti għar-rieżami tad-Direttiva dwar il-Konglomerati Finanzjarji, partikolarment fid-dawl tan-negozjati li għadhom għaddejjin dwar is-CRD IV u l-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU);
- M. billi f'diversi okkażjonijiet il-Kummissjoni indikat l-intenzjoni tagħha li ttiproduċi studju komprensiv dwar l-effikaċja u l-proporzjonalità tal-miżuri adottati fil-qafas tar-regolament finanzjarju sa mill-bidu tal-kriżi finanzjarja;

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0406 u P7_TA(2012)0407.

⁽²⁾ ĠU L 326, 8.12.2011, p. 113.

⁽³⁾ ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1.

Il-Ħamis 13 ta' Ġunju 2013

1. Ifakkar fir-rieda tiegħu li jlesti l-ewwel qari għalkollox, tal-anqas dwar il-proposti kollha tal-Kummissjoni dwar is-servizzi finanzjarji li huma fuq il-mejda fil-preżent qabel jintemm it-term fir-Rebbiegħa tal-2014;
2. Jenfasizza li fl-interessi tat-tkomplija tat-titjib tal-effiċjenza u r-robustezza tas-swieq finanzjarji tal-Unjoni mill-aktar fis possibbli, il-proposti pendenti tal-Kummissjoni dwar is-servizzi finanzjarji għandhom jiġu adottati malajr, u b'hekk jiġi evitat dewmien fid-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni rilevanti.
3. Jenfasizza l-konvinzjoni profonda tiegħu li l-istabbiltà fis-settur finanzjarju u s-suċċess tar-riformi strutturali kollha huma prekondizzjoni biex tintlaħaq sitwazzjoni ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli u ta' impjiegi sostenibbli fl-Unjoni Ewropea.
4. Jenfasizza li wera b'mod ċar ir-rieda u l-abbiltà tiegħu li jindirizza l-proposti tal-Kummissjoni dwar ir-regolament dwar is-servizzi finanzjarji b'mod rapidu u f'perjodi ta' żmien qosra ħafna, pereżempju fil-kuntest tal-MSU, Solvenza II u r-rieżami tal-MiFID; jistenna li japplika l-istess approċċ kostruttiv u rapidu fir-rigward tal-proposti tal-Kummissjoni li se jsiru dalwaqt;
5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni taċċellera x-xogħol tagħha fuq dawk l-inizjattivi leġiżlattivi pendenti fil-qasam tas-servizzi finanzjarji li ħabbret tul dawn l-aħħar snin; b'mod partikolari jistieden lill-Kummissjoni tadotta b'urġenza l-proposta tagħha dwar id-Direttiva dwar il-Liġi tat-Titoli li issa hija ttardjata b'aktar minn sentejn, u mill-aktar fis possibbli tressaq ir-reviżjoni pendenti tad-Direttiva dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern; jistieden lill-Kummissjoni tadotta malajr kemm jista' jkun proposta dwar il-fondi tas-suq monetarju filwaqt li tikkunsidra għalkollox ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-BERS;
6. Huwa tal-fehma li, issa li n-negozjati dwar is-CRD IV u l-MSU ġew konklużi, il-proposti għal rieżami komplut tad-Direttiva dwar il-Konglomerati Finanzjarji 2002 għandhom jitressqu mill-Kummissjoni bla dewmien;
7. Ifakkar fl-impenn tal-Kummissjoni li twettaq, qabel tmiem il-mandat, studju li jkun jikkonsisti f'analiżi tal-kostijiet imqabbla mal-benefiċċji, dwar l-effikaċja u l-proporzjonalità tal-għadd kbir ta' biċċiet ta' leġiżlazzjoni li ġew adottati sa mill-bidu tal-kriżi finanzjarja 'l hawn, fejn l-istudju jkun valutazzjoni tal-impatt akkumulattiv tal-leġiżlazzjoni kollha tal-UE dwar is-suq finanzjarju li ġiet proposta, deċiża u implimentata fl-Unjoni sa mill-bidu tal-mandat; jitlob li dan il-proċess jiġi varat mill-aktar fis possibbli; l-istudju għandu jivvaluta wkoll l-impatt tal-fatt li l-Unjoni Bankarja ma ġietx imwettqa għalkollox fl-Istati Membri differenti, inklużi l-effetti fuq id-dejn sovrani;
8. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta mill-aktar fis possibbli, b'mod partikolari, il-proposti tagħha dwar abbozz ta' regolament li jstabbilixxi Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u dwar is-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli ta' Liikanen dwar ir-riforma strutturali bankarja; jenfasizza l-importanza li l-koleġiżlaturi jindirizzaw fil-pront dawn il-proposti li ġejjin skont il-kodeċizzjoni sabiex jippermettu d-dħul fis-seħħ rapidu tal-miżuri rilevanti;
9. Jistieden lill-Kummissjoni tirrifletti l-iżviluppi finanzjarji b'mod aktar adegwat fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tagħha, kif mitlub fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament tal-15 ta' Diċembru 2011⁽¹⁾ u tat-18 ta' April 2013⁽²⁾;
10. Iħeġġeġ lill-Kunsill jerġa' jiftaħ in-negozjati dwar l-SGD, bħala kwistjoni ta' importanza kruċjali u ta' interess dirett għaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll għall-fiduċja fis-sistema finanzjarja u għall-istabbiltà tagħha; jinnota li l-ħtieġa għall-adozzjoni rapida ta' dik il-proposta ġiet ikkonfermata riċentement mill-kriżi Ċiprijotta; ifakkar li fond uniku Ewropew għall-garanzija tad-depożiti bi skemi ta' garanzija tad-depożiti li jiffunzjonaw u li jkunu appoġġjati minn livelli xierqa ta' finanzjament, li allura jsaħħu l-kredibbiltà u l-fiduċja tal-investituri, jista' jkun l-għan aħħari għall-ġejjieni 'l bogħod, ladarba qafas effikaċi ta' riżoluzzjoni u mekkaniżmu uniku effikaċi ta' superviżjoni jkunu qed jiffunzjonaw; jenfasizza s-sinifikat tagħhom għat-twaqqif xieraq tal-Unjoni Bankarja u għall-ilħuq tal-oġettiv ġenerali ta' swieq finanzjarji stabbli; iqis li l-proposta tal-SGD għandha tiġi adottata b'mod parallel mad-Direttiva li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet tal-kreditu u ditti tal-investment;

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2011)0583.

⁽²⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0188.

Il-Ħamis 13 ta' Ġunju 2013

11. Jiddispijaċih dwar in-nuqqas ta' kapaċità u determinazzjoni min-naħa tal-Kunsill u l-Istati Membri li jilħqu l-ftehimiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-impenji pubbliċi li għandhom iwasslu għat-twettiq għalkollox tal-Unjoni Bankarja;
12. Jistieden lill-Kunsill jadotta pożizzjoni dwar l-ICSD mill-aktar fis possibbli, sabiex jippermetti l-bidu tan-negozjati dwar kwistjoni li għandha impatt konkret fuq iċ-ċittadini tal-Unjoni, peress li hu maħsub biex iżid il-protezzjoni tal-investitur individwali;
13. Ifakkar l-impenn tal-G20 li l-kuntratti standardizzati kollha tad-derivattivi over-the-counter (OTC) għandhom jiġu negozjati fuq boroż jew pjattaformi elettroniċi tan-negozjar, fejn hu xieraq, u jiġu kklerjati permezz ta' kontropartijiet ċentrali sa tmiem l-2012; iħeġġeġ lill-Kunsill, għalhekk, juża ż-żmien li fadal fit-term leġiżlattiv biex jiffinalizza x-xogħol fuq ir-rieżami tal-MiFID, sabiex il-proposti tal-Kummissjoni jkunu jistgħu jiġu adottati qabel l-elezzjonijiet Ewropej f'Mejju 2014;
14. Jistieden lill-Kunsill ikompli l-ħidma tiegħu fuq is-CSDR sabiex jippermetti bidu ta' malajr tan-negozjati mal-Parlament u l-Kummissjoni bil-għan ta' implimentazzjoni f'waqtha qabel l-introduzzjoni tat-Target2Securities;
15. Jistieden lill-Kunsill ikompli jagħmel progress b'mod rapidu lejn negozjati mal-Parlament dwar fajls oħra ewlenin ta' protezzjoni tal-konsumaturi u tal-investituri li sar vot dwarhom, jew li daqt isir vot dwarhom, mill-kumitat kompetenti tal-Parlament, minbarra r-rieżami tal-MiFID, bħalma huma l-UCITS V u l-IMD II;
16. Jistieden lill-Kunsill biex mill-aktar fis possibbli jasal għal pożizzjoni dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet tal-kreditu u tad-ditti tal-investment, peress li din hija għodda essenzjali għal-limitar tal-espożizzjoni futura tal-kontribwenti fiskali tal-UE għal fallimenti tal-banek;
17. Jistieden lill-Kunsill jiżgura li hu jkun lest li jikkonkludi malajr in-negozjati mal-Parlament dwar l-Omnibus II/Solvenza II, hekk kif tkun disponibbli l-valutazzjoni tal-impatt, magħmula mill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, tad-dispożizzjonijiet għal garanziji fuq żmien twil li ġew diskussi qabel fi trilogu; jitlob l-adozzjoni rapida tal-proposti dwar il-MAD/MAR;
18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq proposti fi żmien adegwat sabiex jiġu kkunsidrati mill-Parlament fit-term leġiżlattiv attwali, dwar Skemi ta' Garanzija ta' Assigurazzjoni u dwar qafas ta' rkupru u riżoluzzjoni għal istituzzjonijiet finanzjarji minbarra l-banek, inkluż qafas li japplika, tal-anqas, għal gruppi ta' assigurazzjoni transkonfinali akbar u għal dawk li huma involuti b'mod sinifikanti f'attivitajiet mhux tradizzjonali u mhux ta' assigurazzjoni;
19. Jitlob lill-Kunsill jiċċara l-kriterji li fuqhom saret l-għażla dwar jekk il-fajls jitkomplewx jew le, u jispjega kif ġew ikkunsidrati l-interdipendenzi ta' bejn il-fajls;
20. Jitlob lill-Kunsill jispjega u jagħti dettalji dwar kif qed iġib ir-riżorsi meħtieġa u jtejjeb il-faċilità u l-effiċjenza tat-tranżizzjoni minn Presidenza waħda għall-Previdenza li jkun imiss;
21. Jistieden lill-Kunsill – fid-dawl tan-nuqqas ta' progress fil-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill – jassumi r-responsabbiltà politika tiegħu u jadotta pożizzjonijiet permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata kif provdut mit-Trattati;
22. Jenfasizza r-responsabbiltà tal-koleġiżlaturi li jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa biex jippermettu l-adozzjoni tal-proposti pendenti mill-aktar fis possibbli u, fejn ikun adegwat u fattibbli, qabel it-tmiem tat-term leġiżlattiv attwali;
23. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.